MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Numru 263/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Etienne Xuereb**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Etienne Xuereb ta’ 32 sena, iben Joseph u Erminia nee’ Callus, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Gunju 1977, residenti fil-fond 114, Flat 4, Triq Giovanni Barbara, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 333077(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar l-4 ta’ Novembru 2008 u/jew wara din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentement, issopriema jew b’xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta’ reat ta’ serq ta’

vettura tal-ghamla Toyota Corsa bin-numru tar-registrazzjoni KBF498;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bi hsara tas-socjeta' Gasan & Mamo Insurance Ltd. ghamel qligh b'qerq li jeccedi l-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu (€2329.37), liema reati hawn fuq imsemmija huwa kellu id-dmir li jimpedixxi;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Marzu 2010 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-27 ta' Mejju 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tat-27 ta' Mejju 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll l-fatt li l-parti leza rceviet l-ammont kollu dovut lilha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 111 (2)(a), 309 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

Il-Qorti tirrakkomanda li l-imputat m’ghandux jitlef l-impjieg tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------